

# RAPPORT ANNWALI 2023

## Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impieg

# Rapport Annwali 2023

01. Total ta' 1,142 investigazzjoni mwettqa

02. Total ta' 8,500 ħaddiem koperti

03. Total ta' € 1,381,295.26 f'pagi u drittijiet statutorji rkuprati għall-impjegati

04. Total ta' 194 każ riferuti għal qorti kriminali

05. Imwieġba total ta' 26,034 telefonata minn min iħaddem u impjegati

06. Imwieġba total ta' 12,675 email

07. Total ta' 2,661 persuna ġew fil-bini tagħna biex jiftħu każ jew jistaqsu mistoqsija

08. 26 laqgħa ta' Kumpilazzjoni fejn il-85% minnhom instabu soluzzjonijiet amikevoli

09. Ipproċessati total ta' 252 notifika ta' impjegati stazzjonati

**DIPARTIMENT GĦAR-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI U TAL-IMPIEG**

**Daħla**

Għal darba oħra, b'sodisfazzjon, qed nippreżenta dan ir-rapport ta' ħidma li wettqu b'tant dedikazzjoni l-istaff kollu tad-Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impieg matul is-sena 2023.

Matul din is-sena, id-Dipartiment ħadem bis-sħiħ biex ikompli jsaħħaħ l-operat tiegħu biex jaqdi il-funzjonijiet tiegħu bl-aktar mod effettiv. Fil-fatt din sena, inawgurajna uffiċini ġodda wara li sarilhom restawr estensiv għal benefiċċju kemm tal-klijenti tagħhna kif ukoll għall-istaff.



Diane Vella Muscat
Direttur Ġenerali

**Il-Mandat tad-Dipartiment**

L-għan ewlieni tad-Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg hu li jipproteġi l-interessi ta' ħaddiema f'relazzjoni tax-xogħol waqt li fi spirtu ta' għaqda soċjali, jippromwovi b'mod attiv relazzjonijiet industrijali tajba u jikkontribwixxi għal tali relazzjonijiet stabbli.

**Introduzzjoni**

Din is-sena, id-Dipartiment kompla jaqdi ir-rwol importanti ħafna li għandu fil-qasam tax-xogħol u tar-relazzjonijiet industrijali kemm bħala regolatur kif ukoll bħala edukatur. Matul din is-sena, id-Dipartiment kompla jaħdem bis-sħiħ biex ikompli jsaħħaħ l-operat tiegħu biex jaqdi l-funzjonijiet tiegħu bl-aktar mod effettiv.

Din is-sena, il-binjiet, li qed jospitaw il-Customer Care Unit, is-Segretarjat tat-Tribunal Indistrijali u t-taqsima tar-relazjonijiet internazzjonali u tal-policy, ġew irrinovati b'mod estensiv u ġew mamra bl-aqwa għamara u teknoloġija għal benefiċċju kemm tal-klijenti kif ukoll għall-ħaddiema.

Waħda mil-funzjonijiet ewlenin tad-Dipartiment hija il-ħarsien tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-infurzar fejn jiġu nvestigati l-kundizzjonijiet tal-impieg, kemm ta' ħaddiema li għadhom fl-impieg kif ukoll ta' dawk il-ħaddiema li l-impieg tagħhom ġie terminat. Id-Dipartiment huwa wkoll responsabbli li jressaq il-
każijiet il-Qorti jekk ikun hemm il-ħtieġa.

Funzjoni oħra importanti tad-Dipartiment hija il-laqgħat ta' konċiljazzjoni li d- Dipartiment jagħmel meta jinqala tilwim industrijali bejn trade unions u minn iħaddem. Id-Dipartiment iwettaq ukoll eżerċizzji ta' verifiki ta' rikonoxximent fuq il-post ta' xogħol fuq talbiet ta' unions sabiex jiġi determinat liema union ikollha l- maġġoranza f'kategorija jew post partikolari.

Id-Dipartiment ilaqqa' fi ħdanu il-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi. Il-funzjonijiet tal-Bord huma li jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Ministru dwar standards nazzjonali minimi ta' kundizzjonijiet tal-impieg u li jagħti pariri lill-Ministru dwar dak kollu li jkollu x'jaqsam mal-kundizzjonijiet tal-impieg.

Fuq skala nternazzjonali id-Dipartiment jirraprezenta lil Malta, fl-Awtorita' Ewropeja tax-Xogħol (ELA), fl-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), EUROFOUND kif ukoll jikkordina mar- Rappreżentanza ta' Malta fi Brussell fuq il-pożizzjoni li Malta għandha tieħu fuq suġġetti relatati mal- liġi tax-xogħol.

## Customer Support

Funzjoni ewlenija tad-Dipartiment hija il-ħarsien tal- kundizzjonijiet tax-xogħol. Għaldaqstant, id-Dipartiment għandu sezzjoni tal-Customer Support li tilqa' każi mill- pubbliku, anki b'mod anonimu li jaslu id-Dipartiment permezz tal-emajls, telefonati u anki b'mod personali (walk- ins). F'din is-Sezzjoni jiġu trattati ukoll numru konsiderevoli ta' mistoqsijiet b'rabta mal-kundizzjonijiet tax-xogħol li jaslu kemm minn ħaddiema kif ukoll minn min iħaddem. Totali jidhru hawn taħt.

| *Freephones* | *Total* |
|---|---|
| 1575 | 20,045 |
| 1576 | 5,989 |
| Total | 26,034 |
| | |
| Emails (domandi) | 12,675 |
| Walk-ins | 2,661 |

## Investigazzjonijiet




Id-Dipartiment huwa responsabbli għall-infurzar tar-regolamenti li huma kkontemplati fil-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali Att (Kap. 452) u l-leġiżlazzjonijiet sussidjarji tagħha. Taqsima importanti tad-Dipartiment li twettaq l-infurzar tal-liġi hija l-Ispettorat. Wieħed mir-rwoli prinċipali tal-Ispettorat huwa, li jissorvelja u jiżgura li d-drittijiet kollha u l-obbligi stabbiliti fil-liġi jiġu osservati miż-żewġ partijiet, min iħaddem u l-ħaddiem.

Permezz tal-Ispettorat, id-Dipartiment jinvestiga lmenti ta' persuni li l-impjieg tagħhom ikun ġie tterminat u għalhekk għandu l-għan li jirkupra pagi u benefiċċji u ħlasijiet oħra mhux imħallsa u dokumenti li jkunu dovuti. L-Ispettorat jinvestiga wkoll lmenti ta' persuni li jkunu għadhom fl-impjieg permezz ta' spezzjonijiet li jsiru mill-Ispetturi tad-Dipartiment. Dawn l- ispezzjonijiet minbarra li jittrattaw oqsma tradizzjonali tal-impjieg, bħal rati ta' pagi, ħinijiet tax-xogħol, rati ta' sahra eċċ, jittrattaw

ukoll materji oħra li legalment huma aktar kumplessi bħal trasferimenti ta' negozju, żagħżagħ fl-impjieg, informazzjoni u konsultazzjoni, *employment status*, *posted workers* u oħrajn.

L-investigazzjonijiet ġeneriċi jistgħu jitrattaw sezzjonijiet partikolari ta' ħaddiema jew inkella l-kumpanija sħiħa skont il-ħtieġa. Totali ta' investigazzjonijiet u kategoriji ta' irregolaritajiet jinsabu f'tabelli hawn taħt.

| | |
|---|---|
| Każijiet ta' persuni li m'għadhomx fl-impjieg | 737 |
| Każijiet ta' persuni li għadhom fl-impjieg | 105 |
| Investigazzjonijiet Ġeneriċi | 300 |
| Total ta' ħaddiema milħuqa | >8,500 |
| Numru ta' spezzjonijiet | 158 |
| Numru ta' ħaddiema intervistati | 354 |
| Talbiet ta'informazzjoni mingħand l-impjegatur (RFIs) | 94 |
| Total ta' Investigazzjonijiet | **1,142** |
| Ammont ta' pagi li nġabru u ngħataw lura l-ħaddiema bonarjament. | **€ 1,381,295.26** |

| *Klassifikazzjoni tal-irregolaritajiet* | *Total* |
|---|---|
| Pagi | 706 |
| Bonus/Weekly Allowance | 516 |
| Leave annwali | 489 |
| Payslips | 388 |
| Kuntratt tax-xogħol | 183 |
| Sahra | 127 |
| Festi Pubbliċi | 76 |
| Trasferiment ta' negozju | 74 |
| Leave għall-Mard | 44 |
| Notice | 80 |
| Ħijnijiet tax-xogħol | 68 |
| Sensji Kollettivi | 10 |
| Perjodi ta' Mistrieħ | 13 |
| COLA | 30 |

| Każijiet mressqa l-Qorti | 194 |
|---|---|
| Total ta' Seduti | 12 |
| Każijiet solvuti/magħluqa | 11 |

Xogħol ieħor tal-Unit tal-investigazzjonijiet jinsab fit-tabella hawn taħt.

| | |
|---|---|
| **Analiżi ta' Business Operators li ġejjin minn Business Inspections (OPM)** | 330 |
| Spezzjonijiet li saru minħabba punteġġi baxxi miksuba minn-negozji | 41 |
| Setturi ta' Business | Childcare Centres<br>Supermarkets<br>Confectioneries<br>Djar tal-Anzjani. |
| **Proċessar ta' Notifikazjonijiet ta' ħaddiema stazzjonati** (mill-Ewropa għal żmien temporanju) | 252 |
| Pajjiżi li l-iktar li kien hemm ħaddiema stazzjonati f' Malta | Italja, Ġermanja, Spanja. |
| Setturi l-iktar komuni fejn insibu dawn it-tip ta' ħaddiema | Manifattura, Kostruzzjoni, Wholesale |
| Tul ta' żmien ta' stazzjonar | 4.38 |
| **Permessi għal impjieg ta' dawk taħt is-sittax il-sena u tkun għadha ma spiċċatx l- iskola** | |
| Numru minnhom kienu permessi għal ġbid ta' films għal perjodu qasir | 46 |
| Total | 87 (li jkopru 196 minuri) |
| **Permessi ta' Banking of Hours** | 59 |
| Numru ta' ħaddiema li għamlu użufrutt minn dan il-mekkaniżmu | 3,009 |

| | |
|---|---|
| **Permessi għall-Kumpaniji sabiex jimplimentaw mekkaniżmu ta' multi dixxiplinarji** | 65 |
| **Pegging ta' rati ta' ħlas ta' kuntratturi skont iċ-Ċirkolari maħruġa tal-Għoti ta' Kuntratti ta' Servizz** | |
| Aġenziji tal-Impjiegi liċenzjati | 234 |
| Aġenziji tal-Impjiegi ġodda | 44 |
| Aġenziji tal-Impjiegi mġedda | 128 |
| Ammont ta' ħlas ta' liċenzji | €60,098.52 |

Studji dwar il-kondizzjonijiet tax-xogħol

Saru żewġt studji biex jiġu investigati jekk l-impjegati li jaħdmu fis-settur ta' "child care" u fis-settur tad-djar tal-anzjani għandhomx kundizzjonijiet ta' impjieg adegwati kif stipulat mill-liġi.

Haddiema tal-Pjattaforma Diġitali għall-Konsenja

Wara li fil-bidu ta din is-sena daħħlu fis-seħħ ir-Regolamenti li jirregolaw il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema li jaħdmu fis-settur tal-pjataforma diġitali għall-konsenja, l-isppettorat reġa kellem lil kuntratturi u l-platform owners kollha biex jiġi stabbilit kemm qed ikunu effettivi dawn ir-regolamenti. Dawk il-kuntratturi li nstabu li mhuxiex qed jimxu ghal kollox mar-regwiżiti tar-Regolamenti , intalbu biex jirregolarizzaw ruħhom.

Trackmycase.gov.mt

Ġiet introdotta is-sistema "track my case" li biha klijent li jkun fetaħ kaz mad-Dipartiment ikun jista jara il-progress tal-kaz tiegħu onlajn mill-kumdita ta' daru minflok ma joqgħod iċċempel jew iżur id-Dipartiment.

## **Relazzjonijiet Industrijali**

### Verifiki ta' Sħubija

Permezz tar-Regolamenti dwar Rikonoxximent tat-*Trade Unions* (Leġislazzjoni Sussidjarja 452.112, id-Dipartiment jirregola l- għotja u r- revoka ta' rikonoxximent ta' *trade union*, bħala l-unika unjin li tkun tista' tinnegozja ġewwa post tax- xogħol.

Matul is-sena 2023 d-Dipartiment għamel 20 eżerċizzju ta' verifika ta' sħubija f'unjon.

### Konċiljazzjonijiet u Soluzzjonijiet għal Tilwim Industrijali

Wieħed mill-għanijiet tad-Dipartiment huwa li b'approċċ proattiv isolvi tilwim industrijali b'soluzzjoni ta' sodisfazzjoni kemm għall-intrapriża partikolari kif ukoll għall-*union* involuta. Din il-konċiljazzjoni fil-qasam tar- relazzjonijiet industrijali kkontribwixxiet sostanzjalment biex ikun hawn klima ta' relazzjonijiet industrijali aktar stabbli.

| ***Total ta' tali laqgħat matul is-sena*** | ***26*** |
|---|---|
| Li minnhom intlaħaq ftehim | 22 |
| Percentaġġ ta' ftehim | 85% |

**Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi**

Il-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impjiegi hu maħtur mill-Ministru u hu kompost minn *Chairperson* indipendenti, id-Direttur Ġenerali responsabbli għall-Impjiegi u r- Relazzjonijiet Industrijali li isservi bħala Deputat *Chairperson*, rappreżentanti tal- impjegati u tal-prinċipali nominati mill- Kunsill Malti għall- Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali u membri oħra nominati mill- Ministru. Il-funzjonijiet tal-Bord huma li jagħmel rakkomandazzjonijiet lill-Ministru
dwar xi *standards* nazzjonali minimi ta' kundizzjoni jiet tal- impieg, u li jagħti pariri lill-Ministru dwar dak kollu li jkollu x'jaqsam mal-kundizzjonijiet tal-impieg.

Matul l-2023 saru għaxar laqgħat tal-Bord li fihom ġew diskussi bosta materji relatati mal-impjiegi u r- relazzjonijiet industrijali.
Fost l-oħrajn, dan il-Bord iddiskuta:

- Leave urġenti tal-familja,
- Aġenziji ta' xogħol temporanju,
- Ħlas ta' paga f' kont bankarju,
- Emendi fir-Regolamenti ta' Haddiema Stazzjonati f' Malta
- Id-Direttiva tal-EU dwar Paga Minima Adegwata.

Barra minn hekk, ġew ippublikati dawn avviżi legali wara konsultazzjoni tal-Bord:

- Regolamenti tal-2023 dwar Aġenziji tal-Impieg.
- Ordni dwar Standard Nazzjonali dwar Żieda fil-Paga għall-Impjegati.
- Ordni dwar Standard Nazzjonali dwar l-Inqas Paga Nazzjonali.
- Ordni dwar -Adattament tal-Liġijiet dwar Ordnijiet tal-Kunsill tal-Pagi biex jirregola l-Pagi.

Wara konsultazzjoni mal-Bord, l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Indusrijali ġie emendat biex jiġu introdotti l-fond ta' garanzija u bord tal-appelli tal-aġenziji tal-impieg.

**Ftehimiet Kollettivi**

L-Artikolu 5(2) tal-Att dwar l-Impjegi u r-Relazzjonijiet Industrijali jistipula li fejn il-kundizzjonijiet tax- xogħol ikunu stabbiliti fi Ftehim Kollettiv, min iħaddem hu obbligat li jibgħat lid-Direttur Ġenerali għar- Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg kopja awtentika tal-Ftehim fi żmien 15-il jum

mid-data tal-firma. Il- ftehimiet kollettivi li ġejjin kienu rreġistrati fid-Dipartiment matul is-sena

2023: -

| Tip ta' Ftehim | Ammont |
|---|---|
| Ftehimiet Kollettivi ġodda | 21 |
| Tiġdid/Estensjonijiet | 50 |
| Side Agreements/Addenda | 6 |

**Reġistratur tat-Trade Unions**

Fl-1 ta' Jannar 2023, ir-Reġistru kien jinkludi 40 trade union irreġistrata u 12 assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem. Matul is-sena 2023 ġew irreġistrati 4 Trade Unions . Matul 2023 ma ġiet ikanċellata l-ebda Trade Union jew Assoċjazjonijiet ta' Prinċipali.

Għaldaqstant, fil-31 ta' Diċembru 2022 ir-Reġistru tat-Trade Unions kien jinkludi 44 trade union u 12 assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem.

Ir-Reġistarur tat-Trade Unions ippublika wkoll rapport fil-Gazzetta tal-Gvern fejn fih ta' informazzjoni tal-ħidma tar-Reġistratur matul il-perjodu bejn 1 ta' Lulju 2022 sat-30 ta' Ġunju 2023.

**<u>Liġijiet Ġodda</u>**

Matul is-sena 2023, d-DIER kompla jaħdem biex ikun zgurat li dawn il-leġizlazzjonijiet u policies nazzjonali msemmija hawn taħt ikunu ppublikati.

**Regolamenti tal-2023 dwar Aġenzijital-Impjieg**

L-isforz għal suq tax-xogħol flessibbli wassal biex is-settur tal-aġenziji temporanji jikber b'rata mgħaġġla. Filwaqt li hemm ħafna aġenziji ta' impjieg temporanju ta' reputazzjoni tajba, hemm proliferazzjoni dejjem tikber ta' aġenziji li jsibu n-niċċa tagħhom bħala fornituri ta' xogħol bbażat fuq xogħol prekarju. Il-ħaddiema migranti huma partikolarment esposti għal sfruttament minn aġenziji ta' impjieg temporanju li joperaw fil-limiti tal-liġi Maltija. Bħala rispons għal dan il-fenomenu, id-Dipartiment ħadem qatigħ biex ifassal qafas regolatorju ħalli jkollu viżibbilta' aħjar tas-suq fil-waqt li jagħmel kull sforz biex dawn l-

aġenziji jirregolaw ruħhom.

L-għan tal-bidliet il-ġodda huwa li jiġu standardizzati l-kundizzjonijiet tal-aġenziji tal-impjieg, li jiġu stabbiliti proċeduri ċari, li jiġu infurzati l-kundizzjonijiet tal-liċenzji u li jiġi żgurat li l-individwi kwalifikati u kompetenti jkunu impenjati f'dan l-isforz. Ir-regolamenti l-ġodda għandhom jidħlu fisseħħ fl-1 ta' April 2024. Għaldaqstant, aġenziji tal-impjiegi li jagħtu s-servizzi ta' reklutaġġ, ta' xogħol temporanju u/jew ta' outsourcing (kuntratturi u sottokuntratturi) lill-impriżi tal-utenti, għandhom bżonn liċenzja biex joperaw.

Apparti l-emendi tal-liġi, id-Dipartiment beda jaħdem fuq portal ġdid fejn l-utenti se jkunu jistgħu japplikaw għal-liċenzja onlajn inkluż il-ħlas u l-ipproċessar tar-rekwiżiti biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom. Il-portal li se jkun qed jiffunzjona bħala one-stop-shop biex l-utenti jinqdew għandu jkun lest sa ma tidħol il-liġi fis-seħħ.

**Ordni tal-2023 dwar Standard Nazzjonali dwar Żieda fil-Paga għall-Impjegati**

Permezz ta' dan l-Ordni ta' Standard Nazzjonali, mill-ewwel ta' Jannar 2023, il-pagi kolla tal-impjegati żdiedu bl-ammont ta' €12.81 fil-ġimgħa bħala kumpens għall-għoli tal-ħajja. Ir-rata fis-siegħa tal-impjegati part-time żdietet b'wieħed minn kull erbgħin ta' €12.81.

**Ordni tal-2023 dwar Standard Nazzjonali dwar l-Inqas Paga Nazzjopnali**

Fl 25 ta' Ottubru 2023 intlaħħaq ftehim bejn il-membri tal-Low Wage Commission dwar il-paga minima. Fost il-membri ta' Low Wage Commission hemm rappreżentanti tal-imsieħba soċjali.

Permezz ta' dan il-ftehim, il-membri qablu li jenħtieġ żieda fil paga minima nazzjonali biex jiġi evitat level baxx eċċessiv tal-paga minima li jirriżulkta f' konsegwenzi soċjali u ekonomiċi mhux mixtieqa.

Permezz ta dan il ftehim, il-livelli tal paga minima fil-ġimgħa għal perjodu 2024 sa 2027 għal persuni ta 18 il-sena u fuqhom se jkunu:

Mill-1 ta' Jannar 2024 : €200.73 fil-ġimgħa u żieda statutorja tal COLA għal 2024
Mill – 1 ta Jannar 2025 : €203.73 fil-ġimgħa u żieda statutorja tal COLA għal 2024 u 2025
Mill-1 ta' Jannar 2026 : €206.73 fil-ġimgħa u żieda statutorja tal COLA għal 2024, 2025 u 2026
Mill-1 ta' Jannar 2027 : € 210.73 fil-ġimgħa u żieda statutorja tal COLA għal 2024, 2025,2026 u 2027

Id-differenzi li bħalissa jipprevali fuq il-livelli ta' paga minima għal persuni taħt it-18 il-sena jibqgħu jipprevali.

Dan l-Ordni ta' Standard Nazzjonali stabilixxa li  l-paga minima nazzjonali għal 2024 tkun ta €213.54 fil-ġimgħa għal impjegati ta' eta' tmintax-il sena u fuqhom, €206.76 għal impjegati ta' sbatax-il sena u €203.92 għal impjegati ta' eta' taħt is-sbatax il-sena.

**Ordni tal-2023 dwar l-Adattament tal-Liġijiet dwar Ordnijiet tal-Kunsill tal-Pagi biex jirregola l-Pagi**

Din l-Ordni temenda l-pagi minimi li jinsabu fl-Ordinijiet tal-Kunsill tal-Pagi li tirregola l-Pagi biex jirriflettu ż-ziediet tal-pagi għas-sena 2024 kif spjegat hawn fuq.

**<u>Relazzjonijiet Internazzjonali</u>**

**L-Awtorita Ewropea Tax-Xogħol**

Id-Dipartiment qiegħed jirrappreżenta lil Malta fil-Bord tat- Tmexxija tal-Awtorita' Ewropea Għax- Xogħol. Dan il-Bord jieħu deċiżjonijiet fuq kif titmexxa l-Awtorita` kif ukoll fuq fora diversa fejn jidħlu kundizzjonijiet tax-xogħol fuq skala Ewropea u allura f'dan il-Bord Malta għandha vot daqs kull Stat Membru ieħor.




L-għanijiet ta'Awtorità Ewropea tax-Xogħol huma li tiffaċilita l-aċċess għall-informazzjoni u s- servizzi liċ-ċittadini u lin-negozji dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom; tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fl-infurzar tal-liġijiet billi tiffacilita spezzjonijiet






miftiehma u konġunti, kif ukoll billi tindirizza ix-xogħol mhux iddikjarat u timmedja u tiffaċilita soluzzjonijiet fil-każijiet ta' tilwim transkonfinali.

Uffiċjali tad-Dipartiment għar-Relazzjonijiet Industrijali u Impjieg  i (DIER) ipparteċipaw f'ispezzjonijiet konġunti, li ġew organizzati mill – Awtorita' Ewropea Tax-Xogħol. F' dawn l-ispezzjonijiet, ipparteċipaw ukoll uffiċjali minn Transport Malta, JobsPlus u Puluzija ta' Malta. Fir-rigward ta' kundizzjonijiet ta' xogħol, ġew identifikati 15 irregolarita' li jinkludu kuntratti ta' xogħol u ħlasijiet ta' pagi. F' dan l-eżerċizzju pparteċipaw ukoll, bħala osservaturi, uffiċjali mill-Italja u l-Kroazja.

Uffiċċjala tad-Dipartiment attendiet laqgħat fejn ġew diskussi l-ispezzjonijiet konġunti li saru matul is-snin 2022 u 2023 u anki ġew diskussi l-attiivitajiet  u spezzjonijiet li L-ELA beħsieba torganizza is-sena li ġejja.
Diversi uffiċċjala tad-Dipartiment attendew ukoll sessjonijiet ta'taħriġ fosthom dwar kif wieħed jista jinduna jekk dokument huwiex falz jew le; fuq l-inteliġenza artifiċjali u l-algoritmi u rigward kwistjonijiet prattiċi, legali u etiċi li jikkonċernaw l-użu ta' għodod ta' tagħlim awtomatiku inkorporati fl-inteliġenza artifiċjali; dwar l-isfidi fis-settur tal-kostruzzjoni, u dwar ħaddiema stazzjonati.

**Organizzazjoni Dinjija tax-Xogħol**

Bejn l-5 u 16 ta' Ġunju 2023, id-Dipartiment mexxa delegazzjoni tripartitika fil-111 Sessjoni tal-konferenza tal-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol (ILO) f'Ġinevra. Id-delegazzjoni Maltija kienet tinkludi numru ta' uffiċjali għolja ta' Trade Unions u Assoċjazzjonijiet ta' Min Iħaddem. Id-delegazzjoni Maltija ipparteċipat f'żewġ kumitati il-protezzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol r-Rakkomandazzjoni dwar apprentistat ta' kwalità. Fl-aħħar tal-Konferenza, il-parteċipanti addottaw din il-Rakkomandazzjoni.



**<u>Eurofound</u>**

Id-Dipartiment qiegħed jirrappreżenta lil Malta fuq il-Bord ta' tmexxija tal Eurofound, li hija aġenzija tal-Unjoni Ewropeja tripartitika li tipprovdi informazzjoni biex tgħin fil-formular ta' policies dwar

kundizzjonijiet tax-xogħol. Id-Dipartiment ipparteċipa fi studji u ħa sehem ukoll flimkien mal-imsieħba soċjali f'laqgħa virtwali dwar ħiliet u opportunitajiet ta' xogħol.

**<u>Xogħol relatat mal -Unjoni Ewropea</u>**

Uffiċċjal tad-Dipariment ipparteċipa f'laqgħat ta' Grupp tal-Esperti fuq it-Tażpozizzjoni tad-Direttiva dwar Pagi Minimi Adegwati.

Uffiċjal tad-Dipartiment attenda wkoll laqgħa plenarja tas-Subgroup dwar Affarijiet Soċjali relatai mal Air Crews.

Beda wkoll il-proċess biex tiġi trasponuta id- Direttiva tal-Unjoni Ewropeja li ssaħħaħ l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol ugwali jew xogħol ta' valur ugwali bejn l-irġiel u n-nisa permezz ta' trasparenza fil-pagi u mekkaniżmi ta' infurzar.

**<u>Ċertifikati ta' Rikonoxximent</u>**

Wara sejħa lil l-Istati Membri kollha biex jippreżentaw eżempji ta' "good practice", l-Awtorita Ewropeja Tax-Xogħol ippreżentat lid-Dipartiment żewġt ċertifikati ta' rikonoxximent, wieħed dwar il-website ġdida iddedikata għall-ħaddiema stazzjonati u l-ieħor spezzjonijiet komprensivi fis-settur tat-trasport.

**<u>Konferenza dwar l-Isfruttar tal-Ħaddiema</u>**



F'Novembru, ġiet organizzata l-konferenza: 'Rights at Work: Protecting Workers from Labour Exploitation' mill-Awtorita' Ewropea tax-Xogħol, b'kooperazzjoni mad-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg (DIER), li għalija attendew il-fuq minn disgħin persuna fosthom rappreżentanti tal-imsieħba soċjali. Din il-konferenza kellha l-għan li tqajjem kuxjenza fuq il-problema prevalenti tal-isfruttament tax-xogħol f'Malta, iżżid l-għarfien tal-imsieħba soċjali u tiddiskuti l-aħjar prattiki li hawn biex jiġi miġġieled dan il-fenominu.

Fost il-kelliema għal din il-konferenza kien hemm l-Onoroveli Dr. Andy Ellul, is-Segretarju Parlamentari

għad-Djalogu Soċjali, is-Sur Cosmin Boiangiu, id-Direttur Eżekuttiv tal- Awtorita' Ewropea tax-Xogħol i Sa Diane Vella Muscat, id-Direttur Ġenerali tar-Relazzjonijiet Industrijali, Prof Godfrey Baldacchino u uffiċċjala tal-Awtorita' Ewropeja tax-Xogħol.



Tkellmu esperti minn Spanja u l-Irlanda fuq il-ġlieda kontra l-isfruttament tax-xogħol, u spjegaw kif iħarsu lejn it-tipi ta' sfruttament tax-xogħol li jiffaċċjaw f'pajjiżhom. Il-kelliema enfasizzaw il-kooperazzjoni kontinwa tagħ hom mal-imsieħba nazzjonali rilevanti, partikolarment il-pulizija, fl-indirizzar ta' din il-kwistjoni.

Waqt din il-konferenza saru żewġt panel discussions li fihom ipparteċipaw rappreżentanti tal-imsieħba soċjali, uffiċċjali tad-Dipartiment u uffiċċjali oħra tal-Gvern

Waqt din il-konferenza ġew identifikati l-indikaturi tal-isfruttament tax-xogħol, u kif dawn jistgħu jwasslu għat-traffikar tal-persuni f'ċertu instanzi. Dawn l-indikaturi kienu jinkludu: l-aċċess limitat għall-pagi, il-ħlas għal għoddod tax-xogħol u l-akkomodazzjoni tal-ħaddiema permezz ta' tnaqqis fil-pagi, l-insistenza mill-impjegaturi biex il-ħaddiema jgħixu f'ċertu postijiet li jridu huma, il-kundizzjonijiet ħżiena ta' għajxien, is-siegħat twal ta' xogħol, in-nuqqas ta' dokumentazzjoni minn min iħaddem, ix-xogħol perikoluż, in-nuqqas bażiku ta' taħriġ, il-faqar ta' makkinarju li jiġi użat, u l-kontroll fuq il-flus u il-passaporti tal-ħaddiema, fost oħrajn.

Tema rikorrenti kienet l-importanza li tingħata s-setgħa u l-edukazzjoni lil ħaddiema sfruttati, u l-ħtieġa li jiġu pprovduti sistemi ta' appoġġ għall-vittmi, aċċess għal konsulenza, assistenza legali, u taħriġ tax-xogħol.

**<u>Xogħol Ieħor</u>**

**<u>Rinovar tal-Binjiet tad-Dipartiment</u>**

F'Ottubru ta' din is-sena ġew inawgurati il-binjiet f'108 u 109 Triq Melita wara li sarilhom rinnovar estensiv ta' kważi € 700,00. Dawn il-binjiet, li qed jospitaw il-Customer Care Unit, is-Segretarjat tat-Tribunal Indistrijali u t-taqsima tar-relazjonijiet internazzjonali u tal-policy, ġew bżonn tiswija u restawr u ġew mamra bl-aqwa għamara u teknoloġija għal benefiċċju kemm tal-klijenti kif ukoll għall-ħaddiema. Dawn il-binjiet ġew ukoll totalment aċċessibbli għall-persuni b'diżabilita skond il-kriterji stabbiliti mill-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita.



Matul l-2023, tkompla ir-refurbishment fil-binja tad-Dipartiment li tinsab f'121, Triq Melita, il-Belt Valletta fejn qed issir xogħol ta gypsum, tibjid u dawl ġdid u tagħmir ieħor li wieħed illum jistenna f'uffiċini professjonali.

**Investimenti f'Sistemi online**

Din is-sena ġiet iffinalizzata l-integrazzjoni tas-sistema ewlenija tad-Dipartiment (DIERS) ma dik inatintal-IOS , li hija is-sistema ewlenija tal-Inspections Coordination Office u b'hekk dawn iż-żewġt sistemi qed jikkomunikaw flimkien f'dak li huma dettalji ta' każijiet. Tkomplew jiżdiedu aktar funzjonijiet ġodda fid-DIERS biex l-uffiċċjali tad-Dipartiment ikunu jistgħu jissieltu l-informazzjoni li jixtiequ.

Proċess ieħor li jinasb fi stat avanzat huwa dak biex id-dokumentazzjoni kollha li tintuża fis-segretarjat tat-Tribunal Industrijali tiġi integrate fis-sistema tad-DIERS.

**<u>Studju dwar Firxa ta' Ħaddiema koperti bi Ftehim Kollettiv</u>**

Id-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impjieg (DIER), ikkonkluda proġett ta' riċerka biex jistabillixi l-firxa ta' ħaddiema koperti bi ftehim kollettiv f'Malta. Dan l-eżerċizzju kien meħtieġ sabiex jiġu sodisfatti l-obbligi ta' Malta f'termini tad-Direttiva dwar il-Paga Minima Adekwata tal-UE [id-Direttiva (UE) 2022/2041]. Għaldaqstant, id-DIER talab informazzjoni mingħand il-unjins tal-ħaddiema reġistrati kollha, sabiex tinġabar lista aġġornata ta' kumpaniji, entitajiet u organizzazzjonijiet oħra li għandhom ftehim kollettiv fis-seħħ. Permezz ta' din il-lista' id-dipartiment seta' jiġbor informazzjoni relevanti għal dan l-istudju mingħand dawn l-organizzazzjonijiet kollha.

B'din l-informazzjoni setat tiġi stabbilita r-rata ta' ħaddiema koperti bi ftehim kollettiv. Permezz ta' dan l-istudju ħarġu ukoll ċertu tendenzi fejn jidħol id-daqs tal-kumpanijja u l-probabilta' li organizzazzjoni tagħżel li jkun hemm ftehim kollettiv.

**Kampanja ta' Informazzjoni**



Matul din is-sena, id-Dipartiment kompla fl-isforzi tiegħu biex iwassal aktar għarfien dwar id-drittijiet u dmirijiet fuq il-post tax-xogħol. Uffiċjali tad-Dipartiment ipparteċipaw f' laqgħat, konferenzi u webinars organizzati mill-imsieħba soċjali u entitajiet privati u pubbliċi kif ukoll fi programmi tat-televiżjoni u tar- radju. Uffiċjala tad-Dipartiment taw laqgħat ta' informazzjoni fl-MCAST u pparteċipaw ukoll f'seminars organizzati mill-NCPE, JA Malta Foundation u Jobsplus. Id-Dipartiment ħa sehem ukoll fil-Public Service Expo li nżammet matul il-gimgħa dedikata għas-servizz pubbliku. Id-Dipartiment ukoll stieden delegati Ewropej li kienu qed jattendu seminar tal-Awtorita Ewropeja tax-Xogħol f' Malta biex iżur din l-Expo.

**Fond għall-Ħlas tal-Bilanċ bejn ix-Xogħol ul-Ħajja Privata.**

Id-Dipartiment huwa l-focal point bejn min iħaddem u l-bord ta' dan il-fond. Dan il-fond, jintuża biex jingħata kumpens lil min iħaddem u li jkun applika għal kumpens ta' erbatax il-ġimgħa liv tal-maternita, għal kumpens ta' liv ta' ġenituri u liv ta' paternita'. Matul din is-sena , id-Dipartiment wieġeb 479 il-mistoqsija li jikkonċernaw dan il-fond li minnhom 360 kienu dwar liv ta'maternita, 49 dwar liv ta' ġenituri u 70 minnhom dwar liv ta' paternita'.

**Riżorsi Umani**

Matul is-sena , id-Dipartiment kompla jsaħħaħ il-personal tiegħu fi sforz biex id-Dipartiment ikun jista' jkompli jaqdi l-funzjonijiet tiegħu b'aktar effiċjenza u b'mod aktar effettiv. Fil-fatt minn Jannar sa Diċembru ingħaqdu mad-Dipartiment żewġt skrivani , ħames Assistant Managers , seba' Managers I (Compliance) u Assistent Direttur.

Din is-sena, id-Dipartiment laqa' wkoll erba' studenti li qed isegwu korsijiet ta' studji fil-qasam tal-edukazzjoni terzzjarja taħt skema tal-IPS.

**Taħriġ għall-Uffiċjala tad-Dipartiment**

L-istaff tad-Dipartiment jattendi kontinwament għal taħriġ provdut mill-istitut għas-Servizz Pubbliku u entitajiet oħra kemm rigward aġġornamenti fi-Servizz Pubbliku, kif ukoll bħala zvillupp professjonali kontinwu.

B'mod regolari t-tim tal-investigazzjonijiet, u tal-customer support, ingħataw taħrig rigward aġġornamenti li jikkonċernaw il-ħidma tagħhom, kif ukoll gew diskussi temi rikorrenti li-DIER jaħdem fihom.

Mill-aspett ta' operat, numru ta' Ufficjala segwew korsijiet ta' 'Procurement' offruti mill-IPS.

L-Ufficjala li bdew ħidma f'kariga ġdida attendew għall-korsijiet mogħtija mill-IPS. Dawn il-korsijiet kienu adattati skont il-gradi u l-irwolijiet; fostom 'Entry to Senior Management Programme u Induction Courses.

**Parteċipazzjoni f'Seminars u Konferenzi**




F' seminar li ġie organizzat mill-Malta Hotels and Restaurants Association (MHRA) għas-sidien ta' ristoranti u kafetteriji, id-Dipartiment ta redikont ta' riżultati ta' eżercizzju investiggativ li kien sar fis-sena 2022 fuq din l-industrija. L-iskop ta' dan is-seminar, li għalih attendew iktar minn mitt imprenditur, kien sabiex jiġu spjegati liġijiet tax-xogħol settorjali u kif jiġu mplimentati.
L-imprendituri waqt dan is-seminar ingħataw iċ-ċans ukoll, biex permezz ta' worshops, trattaw case studies li ltaqaw magħhom uffiċjali tad-Dipartiment waqt l-eżerċizzju u jsaqsu mistoqsijiet fuq kundizzjonijet tax-xogħol. Dawn l-FAQs eventwalment ġew miġbura f'dokument u mqassam lill-parteċipanti.

Id-Dipartiment organizza in-house training li kien immirat speċifikament ghal Uffiċjali kollha tad-Dipartiment. Dan Is-seminar sar b'kollaborazzjoni mal-NCPE (National Commission for the Promotion of Equality)
B'kollaborazzjoni ma' Jobsplus, uffiċċjali tad-Dipartiment mexxew webinairs dwar il-liġijiet tax-xogħol. Dawn il-webinairs kienu maħsubin għal min iħaddem u għalihom ipparteċipaw il-fuq minn 95 prinċipal.

Diversi uffiċċjala tad-Dipartiment attendew għal diversi seminars u konferenzi. Fost dawn kien hemm konferenza organizzata mill-FSWS dwar human trafficking u konferenza organizzata mill-NCPE fl-okkazzjoni ta' Jum Il-Mara.

**Tribunal Industrijali**

It-Tribunal Industrijali huwa tribunal indipendenti stafbbilit skont l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali u għandu kompożizzjoni varjabbli stabbilita mil-liġi skont in-natura tal-każ. Din hija jew ta'

*Chairperson* waħdu li jintgħażel skont min ikun imissu minn panel ta' *Chairpersons*, jew ta' *Chairperson* u żewġ membri, wieħed magħżul minn panel ta' persuni li jirrappreżentaw l-interessi ta' min iħaddem u l-ieħor minn panel ta' persuni li jirrappreżentaw lit-*trade unions*. It-Tribunal Industrijali jisma' u jiddeċiedi tilwim industrijali mressaq quddiemu mill-Ministru responsabbli mir-relazzjonijiet industrijali u tal-impjieg, fuq talba ta' xi waħda mill-partijiet involuti fit-tilwima jew mit-tnejn li huma. Jisma' wkoll każijiet ta' allegat tkeċċija inġusta, diskriminazzjoni, fastidju u renumerazzjoni differenti għal xogħol tal-istess valur. Is-sessjonijiet tat-Tribunal isiru fil-bini tal-Qorti.

| ***Każi Tribunal*** | ***Total*** |
|---|---|
| allegat tkeċċijiet inġusti | 53 |
| allegat tkeċċija inġusta u allegat diskriminazzjoni | 14 |
| allegat diskriminazzjoni/fastidju/vittimizzazzjoni | 9 |
| ksur tal kuntratt skont l-Artikolu 36 (12) tal-Kap 452 | 13 |
| każijiet ta' tilwima industrijali | 3 |
| **Total** | **92** |
| | |
| Numru ta' Deċiżjonijiet | 85 |
| Numru ta' Seduti | 395 |
| | |
| Numru ta' każijiet li ntbagħtu lura lit-Tribunal mill-Qrati tal-Appell biex jerġgħu jew jitkomplew jinstemgħu | 5 |
| Numru ta' każijiet li ntbagħtu lura biex jiġi likwidat kumpens jew sabiex it-Tribunal jimmottiva l-kumpens mogħti. | 4 |